**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 135/2022 RM**

**Stephen Farrugia**

**-Vs-**

**Emanuel Farrugia**

**Illum, 4 ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attur, Stephen Farrugia, ippreżentat fir-Reġsitru fit-30 ta' Ġunju 2022 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Emanuel Farrugia biex iħallsu s-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) li tirrappreżenta nofs il-valur tal-għodda, kif ukoll is-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) li tirrappreżenta nofs il-valur tat-trakk JBJ 257 li huma proprjeta' flimkien u n-negozju spiċċa u l-konvenut żamm l-għodda u trakk għandu u għalhekk, irid iħallas is-somma globali ta' għaxart elef Euro (€10,000) bl-ispejjeż.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu ordnat lill-attur sabiex jipproduċi fl-atti permezz ta' nota, kopja dattilografata tar-Rikors billi l-kliem fir-Rikors ma jinftiehemx minħabba x-xorta tal-kalligrafija;

Rat in-nota tal-attur tal-21 ta' Lulju 2022 li permezz tagħha ppreżenta kopja dattilografata tar-Rikors promotur, kif ordnat;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Emanuel Farrugia ppreżentata fl-4 ta' Ottubru 2022 fejn eċċepixxa:-

*"i. Illi l-esponenti ġie notifikat bl-avviż ta' din il-vertenza, iżda il-kalligrafija impoverita tar-rikors promotur trendi l-istess rikors illeġibbli.*

*ii. Illi l-intimat ma jistax iwieġeb għal-talba li ma jistax jifhem.*

*iii. Għaldaqstant, l-intimat, filwaqt li jġib is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u għar-raguni hawn fuq premessa, jirriserva li jintavola risposta ulterjuri una volta li il-kontenut tal-avviż promotur jinġieb a konjizzjoni tal-intimat.*

*iv. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*v. Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta ulterjuri ppreżentata mill-konvenut Emanuel Farrugia fid-9 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu eċċepixxa:-

*"i. Illi t-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*ii. Illi l-intimat esponenti m'għandu jħallas l-ebda somma. Altrimenti,huwa proprju l-attur li naqas li jħallas lill-intimat is-sehem spettanti lilu minn xogħolijiet reżi għall-benefiċċju ta' terzi, kif ser jiġi ampjament ipprovat fil-mori ta' dil-vertanza.*

*iii. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa inveritier li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBJ 257, ossia truck, huwa vvalutat fis-somma ta' €14,000 hekk kif qiegħed jissolleva l-attur.*

*iv. Illi sal-ġurnata tal-llum, l-attur għadu ma tax spjegazzjoni għal-għodda miżmuma minnu, liema għodda ukoll tifforma parti mill-għodda komuni bejn iż-żewg partijiet.*

v. *Isegwi, għalhekk, li huwa inutli li wieħed jiddiskuti d-diviżjoni bejn iż-żewġt'aħwa mingħajr ma' jiġi eżebit d-dokumentazzjoni kollha relattivi kwantu għal dawk li huma għodda komuni bejn il-partijiet u kwantu għall-kwalsiasi pagamenti li tħallsu direttament lill-attur mingħajr ma dan ħallas l-intimat ta' sehemu.*

vi. *Illi saru diversi tentattivi sabiex din il-posizzjoni tiżblokka ruħha u tiġi riżolta bonarjament, iżda r-rikorrent dejjem baqa' jinsisti għal dek li m'għandu l-ebda jedd għalih waqt li ma riedx iħallas lill-intimat għas-sehem spettanti lilu.*

vii. *Illi dawn il-proċeduri għandhom ikunu a spejjeż tar-rikorrent stante illi seta' faċilment jintlaħaq kompromess bejn il-partijiet sabiex jaslu għal ftehim bonarju li kieku l-attur wera xi ftit kooperazzjoni da parte tiegħu, a contrario tal-esponenti li esprima kooperazzjoni assoluta ab inizio.*

viii. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

ix. *Bl-ispejjeż"*

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukat tal-attur, fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2023;

Rat illi minkejja li l-konvenut ingħata terminu biex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet responssiva, baqa' ma ppreżenta l-ebda nota;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-partijiet huma aħwa. L-attur qed jitlob il-ħlas ta' sehmu mill-valur ta' beni li nxtraw minnu u minn ħuh il-konvenut, liema beni kienu tqiegħdu għall-benefiċċju tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li kienu jaħdmu bi sħab flimkien u ma' ħuthom l-oħrajn.

L-attur m'huwiex qed jitlob il-ħall ta' xi kuntratt ta' soċjeta' u l-likwidazzjoni u qsim tal-beni in komun tas-soċjeta', iżda qed jitlob biss li jitħallas ta' sehmu mill-beni li jappartjenu in komun lilu u lil ħuh il-konvenut u li kienu qegħduhom hekk in komun għall-użu fix-xogħol li kienu jaħdmu bi sħab bejniethom. Il-Qorti fehmet illi din is-sħubija spiċċat minħabba diżgwid li nqala' bejn il-partijiet u ma baqgħux jaħdmu flimkien. Madankollu, vettura ossia trakk u diversi għodda minn dawk li kienu nxtraw in komun, baqgħu fil-pussess esklussiv tal-konvenut u l-partijiet ma waslux biex jaqsmu dawn il-beni mobbli bejniethom b'mod bonarju.

Jibda biex jingħad illi sabiex it-talba tal-attur tirnexxi, huwa jeħtieġ li jipprova qabel xejn illi l-beni partikolari li dwarhom qed jitlob il-ħlas tal-valur ta' sehmu, jappartjenu in komun lilu u lill-konvenut u li dawn il-mobbli jinsabu effettivament fil-pussess tal-konvenut. Jeħtieġ ukoll iġib prova tal-valur ta' dawn il-beni biex abbażi ta' dan il-valur ippruvat, il-Qorti tista', f'każ li tqis li t-talba tal-attur hi fondata, tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas dovut.

**<u>Provi</u>**

**L-attur, Stephen Farrugia**, xehed illi huwa kien jaħdem flimkien ma' ħuh il-konvenut Emanuel Farrugia, u ma' tnejn oħra minn ħuthom, fil-qasam tal-kostruzzjoni, iżda l-konvenut ma riedx jaħdem miegħu iktar u għalhekk, huwa baqa' jagħmel dan ix-xogħol flimkien maż-żewġ ħutu l-oħra.

L-attur isostni li għalkemm il-konvenut ma riedx jissokta fin-negozju, baqa' jżomm għandu diversi għodda u t-trakk li kienu xtraw bejniethom u rrifjuta li jersaq għall-qsim bonarju ta' dawn il-mobbli. Xehed illi fil-fehma tiegħu, il-vann tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ 257 jiswa €14,000, liema vann kien inxtrara sekonda

man għall-prezz ta' ċirka Lm6,500 u hu kien ħareġ minn butu nofs dan il-prezz. Jikkontendi wkoll li huwa kien ħalla xi għodda minn tiegħu fil-garaxx tal-konvenut, liema għodda qed jużahom il-konvenut stess u qed jirrifjuta li jirritornahomlu minkejja li talbu diversi drabi biex jagħtihomlu lura. Dawn l-għodda tiegħu personali jinsabu elenkati fil-lista Dok. SF1, immarkati bil-kulur aħdar. Qed jitlob ukoll il-ħlas ta' nofs il-prezz ta' diversi għodod, ukoll elenkati fl-imsemmija lista Dok. SF1, li kienu nxtraw bejniethom u li wkoll jinsabu fil-pussess tal-konvenut, liema valur huwa kkalkulah billi naqqas għoxrin fil-mija tal-prezz għalih li kienu nxtraw oriġinarjament. It-total tal-valur tal-għodda tal-partijiet li tinsab fil-pussess tal-konvenut, kif stmat mill-attur, huwa ta' €6,188 u qed jippretendi l-ħlas ta' nofs dan il-valur, għalkemm fir-Rikors promotur illimita t-talba tiegħu għall-ħlas tas-somma ta' €3,000.

**Il-konvenut Emanuel Farrugia** da parti tiegħu, jaqbel li t-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ 257 kif ukoll l-għodda li tinsab elenkata fil-lista Dok. SF1 bħala għodda li jappartjeni liż-żewġ partijiet, huma tassew di proprjeta' komuni tagħhom, għajr għal *chainsaw* u erba' travetti indikati fil-lista msemmija, liema għodda l-konvenut insista li jinsabu fil-pussess tal-attur innifsu. Għall-bqija, huwa jaqbel li l-għodda li tappartjeni lilhom in komun tinsab fil-pussess tiegħu, tant illi fiż-żmien meta kienu qegħdin fi trattattivi biex jaqsmu l-għodda bejniethom u jirriżolvu l-pendenzi l-oħra li kellhom, b'mod bonarju, huwa kien ta lil ħuh ċavetta tal-garaxx fejn qed jinżammu dawn l-għodod. Madanakollu, huwa xehed li ma jaqbilx mal-valur li ġie assenjat mill-attur lil dawn l-għodod, kif indikat fuq il-lista Dok. SF1, għaliex bosta minnhom fihom il-ħsara, u ġew ukoll indikati fil-lista għodod li ma għadhomx jeżistu, fosthom żewġ tankijiet tal-plastik u għadd ta' injam.

Fir-rigward it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ-257, li ġie stmat mill-attur fis-somma ta' ċirka €14,000, il-konvenut xehed illi din il-vettura tiswa biss €10,000 u jistenna wkoll li jiġi rifuż nofs l-ispejjeż li ħallas waħdu in konnessjoni ma' din il-vettura, fosthom manutenzjoni, assigurazzjoni, liċenzja u VRT[1].

[1] Ara riċevuti komplessivament Dok. EF5 u Dok. EF6.

Il-konvenut isostni wkoll li wara li ma baqax jaħdem flimkien ma' ħuh, meta kienu qegħdin fi trattattivi biex jilħqu ftehim dwar l-għodda in komun, l-attur daħal fil-garaxx tiegħu biċ-ċavetta li kien tah iżda ad insaputa tiegħu, u kien seraqlu *router* u mutur tal-katina (*chainsaw*), li huma għodda personali tiegħu, u kien ħa lura wkoll l-għodda tiegħu stess. Jippretendi wkoll mingħand l-attur il-ħlas tas-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) rappreżentanti sehmu mill-prezz ta' appalt li l-partijiet kienu wettqu flimkien fuq lant tax-xogħol f'Birkirkara[2], liema somma kienet ġiet imħallsa lill-attur iżda li min-naħa tiegħu kien qasamha bejnu u bejn ħuthom l-oħra[3].

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, kif rajna, jaqbel li l-għodod elenkati fil-lista Dok. SF1 jinsabu fil-pussess tiegħu - għajr għal tlieta jew erba' biċċiet - u afferma li dawn kienu nxtraw minnu u mill-attur bejniethom. Madanakollu, m'hemmx qbil dwar il-valur tal-għodda, u l-prezzijiet indikati mill-attur fil-lista Dok. SF1 huma kontestati mill-konvenut, bħalm'hu kontestat ukoll il-valur assenjat mill-attur lit-trakk di proprjeta' tagħhom it-tnejn, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ 257, liema valur skont l-attur huwa ta' €14,000.

Il-Qorti, rinfaċċjata bil-kontestazzjoni tal-konvenut dwar il-valur assenjat minnu lill-għodda u l-vettura – kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu u wkoll mill-eċċezzjonijiet fir-Risposta tiegħu - ma tistax tqis iċ-ċifri indikati fil-lista Dok. SF1 bħala prova tajba tal-valur rejali tal-mobbli in diżamina, u taddotta dawn l-istess ċifri biex tħaddem is-sehem spettanti lill-attur minn dawn il-mobbli.

Il-Qorti kienet tistenna li, rinfaċċjat bl-oġġezzjoni tal-kontro-parti, l-attur iressaq prova oġġettiva tal-valur li dwaru qed jitlob il-ħlas ta' sehmu, permezz ta' provi dokumentarji, il-ħatra ta' espert ġudizzjarju jew xhieda *ex parte* ta' persuna teknika jew b'esperjenza fil-qasam, biex jikkonvinċi lill-Qorti li t-talba tiegħu għall-ħlas tal-

---

[2] Iżda l-konvenut ma għamel ebda talba rikonvenzjonali.

[3] Ara riċevuta li turi, allegatament, li l-attur tħallas is-somma ta' €1,000 mill-appalt ta' Birkirkara.

ammont reklamat fir-Rikors promotur, huwa wieħed raġjonevoli, ġust u mistħoqq. Iżda l-attur ma ġabx provi affidabbli u oġġettivament verifikabbli li l-Qorti tista' toqgħod fuqhom biex tiġġudika t-talba tiegħu għall-ħlas ta' nofs il-valur tal-beni komuni u tagħmel ġustizzja maż-żewġ partijiet. L-oneru ta' prova bħal din jinkombi biss lill-attur li għamel it-talba għall-ħlas u l-Qorti, f'ċirkostanzi fejn ma tressqet ebda prova sodisfaċjenti dwar il-valur rejali tal-beni komuni, żgur m'hijiex sejra tasal għal xi ġudizzju billi tagħmel assunzjonijiet, jew abbażi ta' spekolazzjoni u konġetturi minflok abbażi ta' provi li jilħqu l-grad meħtieġ fil-kamp ċivili. Il-provi quddiemha huma ferm fjakki u ma jinstawraw fiha ebda konvinċiment morali li l-valur tal-beni li wasal għalih l-attur innifsu b'mod soġġettiv – kif fisser fix-xhieda tiegħu - mingħajr ebda konfort tekniku, huwa wieħed rejali li jirrifletti l-prezz korrenti tal-mobbli fuq is-suq illum.

Għandu jingħad ukoll illi għalkemm il-konvenut kienu u għadu dispost jersaq għall-qsim tal-għodda li jinsabu fil-pussess tiegħu, f'żewġ ishma ugwali, il-partijiet ma waslux għal dan il-qsim bonarjament. Iżda l-attur ma talabx, fir-Rikors promotur tal-kawza, id-diviżjoni ossia qsim tal-mobbli bejn il-partijiet u għalhekk il-Qorti hi marbuta li tiddeċiedi dwar l-unika talba tal-attur, ċioe' t-talba tal-ħlas ta' nofs il-valur ta' sehmu minn trakk u għodda li kienu nxtraw in komun bejniethom u li baqgħu fil-pussess esklussiv tal-konvenut - u xejn iktar minn hekk. Ma tistax tiġġudika dwar talba li ma saritx għaliex inkella tkun qed tiddeċiedi *extra petita*[4]. Għalkemm tassew jidher li dawn il-mobbli tassew qegħdin jinżammu mill-konvenut mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarju l-ieħor u qiegħed b'hekk jippriva lill-attur mill-pussess, użu u tgawdija tagħhom, dan ma jfissirx illi l-konvenut huwa obbligat iżomm il-mobbli u jħallas lill-attur sehmu mill-valur tagħhom. Ir-rimedju f'każ bħal dan hu l-qsim tal-beni komuni, abbażi ta' valur li jkun stabbilit bi qbil bejn il-partijiet jew permezz ta' prova tajba oħra, jew il-liċitazzjoni tal-beni komuni bil-qsim tar-rikavat bejn il-partijiet.

---

[4] L-attur ma talabx lanqas li l-konvenut jiġi kkundannat iroddlu l-għodda di proprjeta' tiegħu li skont l-attur jinsabu fil-pussess tiegħu u qed jirrifjuta mingħajr raġuni tajba li jirritornahomlu.

Madankollu, l-attur ma talab xejn minn dan; talab biss il-ħlas ta' nofs il-valur tal-mobbli minghajr ma ġab prova kif imiss ta' dan il-valur, u fin-nuqqas tal-adezjoni tal-kontro-parti mal-valuri pretiżi, il-Qorti ma tistax hija stess tasal għal valur rejali tal-beni komuni u lanqas tista', fl-assenza ta' talba *ad hoc*, tordna l-qsim tal-beni komuni jew il-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni. Dan qed jingħad ukoll għaliex il-Qorti ma ġietx mitluba fir-Rikors promotur, tagħmel dikjarazzjonijiet u tagħti provvedimenti oħrajn li jkunu neċessarji jew aċċessorji għat-talba prinċipali, liema provvedimenti jew deċiżjonijiet min-natura tagħhom setgħu jingħataw mingħajr talba *ad hoc* – għalkemm għandu jingħad, il-Qorti ma taqbilx li l-ordni għall-bejgħ b'liċitazzjoni hija waħda li tista' tingħata bħala ordni aċċessorja għal talba għal ħlas. Tfakkar ukoll li m'hijiex qorti ta' ekwita' izda qorti ta' liġi u ma tistax tiddeċiedi abbażi ta' dak li jista' jidhrilha li hu ekwitabbli, ħlief f'każijiet eċċezzjonali.

In konklużjoni, għandu jingħad ukoll illi għalkemm huwa minnu li din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha tista', jekk jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, dan il-prinċjipju jopera biss biex iwessa' fejn meħtieġ, il-kawżali tat-talba tal-attur fir-Rikors promotur u mhux biex joħloq talbiet ġodda fejn dawn ma jsirux.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-Risposta tiegħu tad-9 ta' Frar 2023 biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talba tal-attur STEPHEN FARRUGIA bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**